# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1196

Kaz. Nru. 1417

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Charles Zammit

u

Woodware Ltd.

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data 3 ta' Mejju 2001

**Chairman : Is-sur Alphonse Caruana**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali permezz ta' ittra datata 14 ta' Frar 2000 Referenza MSP/TI/11/2000 biex tigi processata skond il-Provedimenti ta' l-Artiklu 28 (2) tal-Att Dwar Relazzjonijiet Industrijali Kapitlu 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

Is-Sur Charles Zammit aktar il-quddiem jissejjah l-appellant kien assistit mill-avukat Karmenu Mifsud Bonnici.

Is-Sinjuri Anthony Vella u Carmelo Ghio dehru ghall-Kumpanija u kienu assistiti mill-avukat Andrew Borg Cardona.

**Stqarrija tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant ighid li kien jahdem mal-kumpanija ntimata bhala Fitter ghal madwar sitt snin. Fl-ewwel snin qatt ma qala twissijiet. Fl-ahhar sena kellu tliet twissijiet, l-ewwel wahda fis-6 ta' Frar 1999 ghaliex fl-ahhar kwarta xoghol kien wieqaf. It-tieni twissija dwar xoghol ta' welding. Hu iwweldja trolley li kien jiflah certu piz, izda gie mghobbi d-doppju u inkiser, izda ma kienx iffirma it-twissija. It-tielet twissija kienet dwar xoghol ta' kostruzzjoni liema xoghol ma giex tajjeb. Huwa jghid li ma kienx Construction Worker izda Fitter.

Fl-4 ta' Frar 2000 tkecca mix-xoghol ghaliex ma kitibx it-time sheet sewwa. Kienu diga ghaddew hmistax-il-gurnata u ma setax jiftakar sewwa x'kien ghamel. L'akkuza tal-kumpanija hi li kien ghamel sitt sighat ma jaghmel xejn.

Fl-istqarrija tal-kaz il-kumpanija tghid li l-appellant kien gie mwissi dwar diversi nuqqasijiet fl-ahhar sena. In-nuqqasijiet kienu konnessi ma' hela ta' hin u xoghol imwettaq minghajr attenzjoni jew hila u dana seta' kien hemm periklu ghall-haddiema ohra.

Il-kumpanija issostni illi l-ebda employer ma jista' jittollera illi struzzjonijiet ragjonevoli jigu njorati fejn l-impjegati jibqghu jaghmlu xoghol hazin u jahlu z-zmien taghhom. Ghaldaqstant, l-kumpanija isostni illi l-pozizzjoni taghha hija gustifikata skond il-ligi.

**Konsiderazzjonijiet**

Dan il-kaz hu ibbazat primarjament fuq nuqqas ta' hila fix-xoghol. Il-kazijiet li dwarhom l-appellant gie imwissi mill-kumpanija huma, l-ewwel illi fit-*time sheet* tat-Tnejn 24 ta'

Jannar kellu sitt sieghat xoghol li ma ghamel xejn. L-appellant jghid li l-kumpanija riedet spjegazzjoni mhux jekk bidilx tubu tad-dawl wiehed jew aktar izda x'ghamel matul dik il-gurnata. L-appellant sostna li matul il-hin dejjem kien hemm x'taghmel.

It-tieni kaz kien dwar *xkaffar* illi ma kellux xoghol ta' welding tajjeb ghax meta dan l-ixkaffar tghabba waqa' b'kollox. Il-kumpanija tghid li l-welding ma kienx kif suppost voldieri dawra tond izda spot welding li permezz ta' hekk ma kienx b'sahtu bizzejjed biex jiflah ix-xoghol. L-appellant ghal dan il-kaz jghid li ma hux minnu li hu ghamel spot welding ghax spot welding hu tikka. Isostni li ghamel il-welding l-istess kif kien fl-ixkaffi li kien hemm qabel ma ghamel iz-zieda ta' zewg xkaffi ohra. Dan l-ixkaffar ma sarx kollu mill-appellant. Kull ma ghamel hu zied zewg xkaffi biss. Jghid li dan l-ixkaffar kien mahdum sewwa izda li gara kien il-piz enormi li poggew fuqu, piz ta' aktar minn tliet tunellati li tpogga fuqu. Tant kien il-piz il-kagun ta' kull ma gara li dan l-ixkaffar qabel me gie mizjud kien ilu jahdem ghal numru ta' snin. Dejjem kellu materjal li l-piz tieghu setgha jifilhu.

It-tielet kaz kien xoghol ta' *tinda tal-pjanci* fl-arja barra mill-fabrika biex tahta jitpogga l-injam ghall-arja fejn ikun jista' jinxef u ma jixxarabx. It-Tribunal nhar l-erbgha 11 ta' Ottubru 2000 ghamel access fuq il-post halli jara ezatt dak li kienet qed tghid il-kumpanija kif ukoll l-appellant rigward xoghol ta' twahhil tal-pjanci hazin liema xoghol tghid il-kumpanija sar bi traskuragni u nuqqas ta' hila. Il-kumpanija tghid li l-appellant ma kienx attent fix-xoghol ghax wara gurnata xoghol tat-twahhil tal-pjanci li kien qed jitwahhlu minn quddiem ghal mal hajt gie hazin b'telf ta' hin u spejjes bla bzonn. L-appellant jghid li il-kumpanija taghtu jahdmu mieghu zewg haddiema li ma kinux tas-sengha. Huwa kien qieghed jahdem f'naha ohra li kull ma kien ghamel ma dawn it-

tnejn kien meta poggew l-ewwel pjanca. L-appellant jghid li kien hu stess li qal lis-Supervisor tieghu li x-xoghol gej hazin. Ix-xoghol kellu jerga' jinqala' u jitwahhal mill-gdid. Kellu jsir xoghol ta' sadd ta' toqob fil-pjanci li kienu ittaqbu hazin biex ma jidholx ilma minnhom. Il-kumpanija taghtu twissija.

Ir-raba' kaz hu meta l-appellant instab li fl-*ahhar kwarta ta' l-overtime* ma kien qieghed jaghmel xejn u nghata twissija. L-appellant ma cahadtx imma sostna li hu kien lesta x-xoghol kollu li kellu u ma deherlux li fl-ahhar hmistax il-minuta kellu jibda xoghol gdid ta' maintenance. Il-kumpanija tghid li l-appellant kellu jibqa jahdem sa l-ahhar.

Minn l-analizi ta' dawn il-kazijiet it-Tribunal jara illi fl-ewwel kaz ghandu twissija ghax fit-time sheet kellu sitt sighat li ma kienux koperti. Minn dak li ntqal it-time sheets kienu jimtlew fl-ahhar tal-gimgha. Ghal dan it-Tribunal josserva li l-mili tat-*time sheets* fl-ahhar tal-gimgha hemm zmien twil biex dak li jkun jimla dawn il-formoli bi precizzjoni dettaljata.

Il-kaz ta' l-ixkaffar li waqa' ghax inghad li ma kienx iwweldjat sewwa. It-Tribunal ihoss li waqt li l-appellant gie moghti twissija ma giex ippruvat teknikament u professjonalment x'gieghel lil dan l-ixkaffar jikkolassja. L-unika raguni tal-kumnpanija kienet li l-welding ma sarx kif suppost. L-appellant isostni li hu kien ghamel biss zieda ta' zewg xkaffi malli kien hemm u li l-welding ghamlu bhal dak li kien hemm fl-ixkaffi l-ohra. Jghid ukoll li dan l-ixkaffar kien ilu jintuza fil-fabrika ghal numru ta' snin qabel u qatt ma gralu xejn. Kien bil-piz kbir li tpogga fuqu piz ta' aktar minn tliet tunnellati li ma felhux.

Rigward it-tielet kaz dak tat-tinda t-Tribunal ghamel access fil-fabrika sabiex jigi miftiehem aktar car kif irrizulta x-

xoghol meta kien fdat f'idejn l-appellant. It-Tribunal josserva li minn dak kollu li ntqal mill-appellant ma jirrizultawx ragunijiet sufficjenti ghal mod li gew imqieghda l-pjanci. Ir-raguni tghid li kif tpoggew sewwa wara li nqalghu kien immisshom gew imqieghda sewwa l-ewwel darba u kien jigi evitat hela ta' hin u spejjes bla bzonn.

L-appellant kien ilu mal-kumpanija sitt snin. Kien f'ahhar sena li gie moghti twissijiet. Mit-twissijiet ikkwotati t-Tribunal jifhem li t-tali twissijiet ma kinux ta' grad li jimmeritaw tkeccija mill-impjieg.

**Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali wara li ra l-istqarrija tal-kaz tal-partijiet, zamm access fil-fabrika biex jara kif sar ix-xoghol tat-tinda, sema' x'intqal mix-xhieda u wkoll it-trattazzjonijiet finali jaqta u jiddeciedi din il-kwistjoni tax-xoghol billi jsib lit-tkeccija tal-appellant mill-impjieg ma kinetx ghal raguni tajba u sufficjenti.

Ghandu ghalhekk jinghata kumpens fis-somma ta' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120). Dan il-kumpens irid jinghata mhux aktar tard minn erba' gimghat mid-data tad-decizjoni.

Ghal fini tal-Avviz Legali 48 ta'1986, it-Tribunal qieghed jintaxxa d-drittijiet ta' kull persuna li assistiet fis-somma ta' erbghin liri Maltin (Lm40)

B"hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Alphonse Caruana**
**Chairman**

**Edwin Spiteri**
**Segretarju**